

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, b'mod partikolari, tad-deċiżjoni tal-EIT tal-14 ta' April 2014 li tikklassifika l-offerta sottomessa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti li tikkonċerna servizzi tal-informatika u servizzi relatati fit-tieni pożizzjoni, kif ukoll tal-ittra tal-EIT tal-25 ta' April 2014, li permezz tagħha dan irrifjuta li jikkomunika l-ismijiet tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE intiża li jinkiseb kumpens għal dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbu.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *European Dynamics Luxembourg SA* u *Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE* huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 351, 6.10.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – European Dynamics Luxembourg u Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-698/14) ⁽¹⁾

[“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Servizzi esterni għall-iżvilupp, l-istudju u s-sostenn ta' sistemi ta' informazzjoni” (ESP DESIS III) — Klassifikazzjoni ta' offerenti fil-proċedura ta' kaskata — Obbligu ta' motivazzjoni — Offerti anormalment baxxi — Prinċipju ta' kompetizzjoni libera — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”]

(2016/C 402/42)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: *European Dynamics Luxembourg SA* (Ettelbrück, il-Lussemburgu) u *Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE* (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment V. Christianos, I. Ampazis u M. Sfyri, sussegwentement M. Sfyri, avukati)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Delaude u S. Lejeune, aġenti, assistiti inizjalment minn E. Petrissi, E. Roussou u K. Adamantopoulos, sussegwentement minn E. Roussou u K. Adamantopoulos, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tikklassifika fir-raba' u fit-tielet pożizzjoni, skont il-mekkaniżmu ta' kaskata, l-offerti sottomessi mir-rikorrenti għal-lottijiet Nri 1 u 3 tas-sejħa għal offerti DIGIT/R2/PO/2013/029 – ESP DESIS III, dwar “Servizzi esterni għall-iżvilupp, l-istudju u s-sostenn ta' sistemi ta' informazzjoni” (ĠU 2013/S 19-0380314), u li teskludi l-offerta tagħhom għal-lott Nru 2 mill-imsemmija sejħa għal offerti u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex tikseb kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament ġarrbu.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *European Dynamics Luxembourg SA* u *Evropaiki Dynamiki – Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE* huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 448, 15.12.2014.